IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.3.2015
COM(2015) 128 final

2013/0224 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill b'rabta mal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 wara l-ewwel qari tiegħu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MT MT

2013/0224 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill b'rabta mal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 wara l-ewwel qari tiegħu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. Kuntest

Id-data meta l-proposta ntbagħtet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (id-dokument COM (2013)480 finali – 2013/0224 COD):	it-28 ta' Ġunju 2013.
Id-data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	is-16 ta' Ottubru 2013.
Id-data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew wara l-ewwel qari:	is-16 ta' April 2014.
Id-data meta ntbagħtet il-proposta emendata:	mhux applikabbli
Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:	il-5 ta' Marzu 2015

2. L-għan tal-proposta tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni qed tipproponi li toħloq qafas legali għall-UE kollha għall-ġbir u l-pubblikazzjoni ta' dejta annwali vverifikata dwar l-emissjonijiet tas-CO_2 u l-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti l-kbar kollha (li jkunu ta' aktar minn 5 000 tunnellata grossa) li jużaw il-portijiet tal-UE, irrispettivament minn fejn dawn il-vapuri jkunu rreġistrati. Dan huwa l-ewwel pass tal-Istrateġija tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mit-trasport marittimu, kif spjegat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni adottata f'Ġunju tal-2013[1], u għandu jagħti wkoll kontribut sinifikanti għad-dibattiti li għaddejjin bħalissa fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (l-OMI).

Il-fatturi ewlenin tal-iskema ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika li joħorġu minn din il-proposta huma dawn li ġejjin:

(a) Kamp ta' applikazzjoni: il-bastimenti ta' aktar minn 5 000 tunnellata grossa li jidħlu f'portijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru jaqgħu taħt ir-regoli tal-iskema ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika. L-emittenti ż-żgħar, jiġifieri l-bastimenti ż-żgħar u ta' daqs medju ta' anqas minn 5 000 tunnellata grossa, li jirrappreżentaw madwar 40 % tal-flotta, iżda 10 % biss tal-emissjonijiet totali, huma esklużi minn din l-iskema.

[1] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "L-integrazzjoni tal-emissjonijiet mit-trasport marittimu fil-politiki tal-UE biex jitnaqqsu l-gassijiet effett serra" (COM (2013)479 finali).

(b) Ċerti kategoriji ta' bastimenti huma eżentati mill-iskema. Dawn huma l-bastimenti tal-gwerra, il-bastimenti tas-sajd u tal-ipproċessar tal-ħut, il-vapuri tal-injam u l-vapuri tal-gvernijiet użati għal skopijiet mhux kummerċjali.

(c) Skont il-prinċipji tal-liġi marittima internazzjonali, ir-regoli tal-iskema ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika japplikaw b'mod mhux diskriminatorju għall-bastimenti kollha li jidħlu fil-portijiet tal-UE, irrispettivament mill-bandiera li jtajru.

(d) Kopertura ta' vjaġġi minn portijiet tal-UE u lejhom: mill-1 ta' Jannar 2018, il-bastimenti se jkollhom jimmonitorjaw l-emissjonijiet tas-CO_2 tagħhom u parametri rilevanti oħrajn tal-effiċjenza għall-vjaġġi tagħhom fl-Unjoni Ewropea (dawk bejn portijiet tal-waqfa li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru), għall-vjaġġi tagħhom lejn l-Unjoni (mill-aħħar port ta' waqfa li ma jkunx jinsab fl-UE sal-ewwel port ta' waqfa li jkun jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru) u għall-vjaġġi tagħhom 'il barra mill-Unjoni (minn port li jkun jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru għall-ewwel port ta' waqfa li ma jkunx jinsab fl-UE).

(e) Se jkollhom jiġu mmonitorjati, rrappurtati u vverifikati wkoll l-emissjonijiet tal-bastimenti ġol-portijiet. B'hekk għandu jitħeġġeġ l-użu tat-teknoloġiji disponibbli għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ibbażati fuq l-art.

(f) Se tintuża d-dejta li diġà hija disponibbli mill-ġurnali ta' abbord, mill-iskedi tad-dejta li jimla u jibgħat ta' kuljum l-inġinier ewlieni tal-bastiment imsejħin "noon reports" u min-noti ta' kunsinna tal-banker.

(g) Wara li tiġi mmonitorjata, din id-dejta trid tiġi vverifikata b'mod indipendenti u mbagħad tintbagħat b'mod aggregat lill-Kummissjoni u lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment fil-forma ta' rapport annwali.

(h) Il-Kummissjoni se toħroġ rapport dwar id-dejta annwali vverifikata u aggregata għal kull bastiment, li jkun jinkludi kemm l-emissjonijiet tas-CO_2 tiegħu u kemm il-parametri tal-effiċjenza.

(i) L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) se tingħata għadd limitat ta' kompiti, relatati l-iktar mal-bażi tad-dejta tal-infurzar, f'konformità mar-Regolament tat-twaqqif tagħha.

(j) Fl-azzjonijiet ta' infurzar tagħhom, l-Istati Membri li jaġixxu jew bħala Stati tal-bandiera jew bħala Stati tal-port (permezz ta' kontrolli mill-Istat tal-port (taħt il-punt 19(2)) jew permezz ta' spezzjonijiet speċifiċi marbutin mal-iskema ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika (taħt il-punt 19(3))) għandhom jiċċekkjaw li abbord il-bastimenti jkun hemm dokument validu ta' konformità (DOC) meta dawn jidħlu f'portijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, u għandhom jieħdu s-sanzjonijiet meħtieġa wara dawn l-azzjonijiet jekk ikun hemm bżonn.

(k) Għandu jkun hemm rabta mal-iżviluppi internazzjonali billi dan ir-Regolament jiġi rrivedut u jiġu proposti l-emendi rilevanti bbażati fuq żviluppi miftehma fil-livell internazzjonali, b'mod partikulari fl-OMI, jew billi dan jiġi allinjat magħhom, skont kif ikun xieraq.

3. Kummenti dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill

3.1. Kummenti ġenerali dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill

Il-Kummissjoni hi tal-fehma li n-negozjati informali wasslu għal pakkett ibbilanċjat li jinkludi soluzzjonijiet sodisfaċenti b'rabta ma' għadd ta' kwistjonijiet importanti bħalma huma l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, il-monitoraġġ tal-merkanzija u r-rappurtar dwarha, il-

kunfidenzjalità tad-dejta u t-trasparenza tat-tagħrif u d-dispożizzjonijiet dwar l-infurzar. Għalhekk, il-Kummissjoni qiegħda f'pożizzjoni li tappoġġa l-eżitu tagħhom mogħti fil-pożizzjoni tal-Kunsill.

Madankollu, il-Kummissjoni qed tagħmel stqarrija speċifika dwar il-mod kif il-Kunsill uża l-possibbiltà prevista fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għall-atti ta' implimentazzjoni (il-klawżola ta' "l-ebda opinjoni"). Il-Kummissjoni ma topponix dan l-użu, iżda temmen bis-sħiħ li din id-dispożizzjoni għandha tintuża biss meta jkun hemm raġunijiet validi għaliha u għalhekk se tagħmel stqarrija dwar dan fl-Anness ta' din il-Komunikazzjoni.

3.2. L-emendi tal-Parlament Ewropew wara l-ewwel qari (fil-qosor):

Il-Kunsill ma qiesx b'mod espliċitu għadd ta' emendi tal-Parlament Ewropew. Il-fehmiet tal-Kummissjoni dwar dawn l-emendi tal-Parlament Ewropew huma deskritti hawn taħt.

Fl-opinjoni tiegħu wara l-ewwel qari, il-Parlament Ewropew issuġġerixxa l-emendi ewlenin li ġejjin:

(a) **L-inklużjoni ta' referenzi usa' għall-"emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra" minflok għall-"emissjonijiet tas-CO_2" (l-emendi numri 1, 9, 10, 12, 17, 21, 23, 24, 29 u 31). Il-Kummissjoni aċċettat parzjalment dan is-suġġeriment.** Fl-opinjoni tiegħu wara l-ewwel qari, il-Parlament Ewropew bidel diversi drabi l-kliem "l-emissjonijiet tas-CO_2" bil-kliem "l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra" sabiex jisħaq fuq il-ħtieġa li maż-żmien jiġu indirizzati emissjonijiet marittimi oħrajn u mhux biss dawk tas-CO_2. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li r-Regolament propost għandu jibqa' jiffoka fuq l-emissjonijiet tas-CO_2 li ċertament huma l-iktar emissjonijiet sinifikanti tal-gassijiet b'effett ta' serra mis-settur marittimu. Madankollu, sakemm il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ma jintmessx, il-Kummissjoni tista' taċċetta li jintuża xi kliem b'tifsira usa' kif issuġġerixxa l-Parlament Ewropew. Il-Kunsill żamm l-emissjonijiet tas-CO_2 bħala l-uniċi emissjonijiet koperti, kif kienet ipproponiet oriġinarjament il-Kummissjoni, filwaqt li aċċetta li jintuża xi kliem b'tifsira usa' li jirreferi għall-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u għas-sustanzi li jniġġsu l-arja fil-premessi (pereżempju fil-premessa l-ġdida bin-numru 1a u fi premessi oħrajn).

(b) **L-inklużjoni tal-bastimenti tas-sajd u tal-ipproċessar tal-ħut fl-iskema ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika (l-emenda numru 26). Il-Kummissjoni rrifjutat dan is-suġġeriment.** Il-Parlament Ewropew jaqbel li fl-iskema ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika jiddaħħlu "l-bastimenti tas-sajd u tal-ipproċessar tal-ħut" li kienu esklużi mill-proposta. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li dawn il-kategoriji jirrappreżentaw ammont baxx ħafna ta' emissjonijiet u l-inklużjoni tagħhom twassal għal xi problemi ta' infurzar. Fl-aħħar mill-aħħar, il-Kunsill ħalla 'l dawn il-kategoriji 'l barra mir-Regolament, kif kienet ipproponiet oriġinarjament il-Kummissjoni.

(c) **L-inklużjoni ta' obbligi ssimplifikati ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika għall-bastimenti li jagħmlu biss vjaġġi relatati mal-UE u li jagħmlu diversi vjaġġi kuljum: "l-iskema għat-trasport marittimu fuq distanzi qosra" (l-emenda numru 58). Il-Kummissjoni aċċettat parzjalment dan is-suġġeriment.** Il-Parlament Ewropew inkluda eżenzjoni mill-obbligi ta' monitoraġġ "għal kull vjaġġ" għall-bastimenti li jagħmlu biss vjaġġi relatati mal-UE u li jagħmlu diversi vjaġġi kuljum (bħal-laneċ). L-għan hu li jiġu ssimplifikati l-obbligi ta' monitoraġġ meħtieġa għall-bastimenti li jagħmlu ħafna vjaġġi kuljum li jkunu potenzjalment jixxiebhu. Sabiex jiġi evitat li, f'dawk il-każijiet, il-monitoraġġ isir ta' piż bla bżonn, mhux se

jkun hemm bżonn li wieħed jagħmel monitoraġġ "għal kull vjaġġ" bħala pass intermedjarju, filwaqt li l-obbligi tar-rappurtar annwali jibqgħu kif inhuma. Fil-prinċipju, il-Kummissjoni tappoġġa l-inklużjoni ta' skema ssimplifikata bħal din li tipprova ssib bilanċ bejn il-ħtieġa li r-rappurtar annwali ta' bastiment jiġi bbażat fuq id-dejta preċiża li teżisti abbord u l-piż amministrattiv li dan ikun jinvolvi għal tip ta' negozju jew għal ċirkustanzi partikulari ddefiniti b'mod oġġettiv. Il-Kunsill żamm l-idea tal-Parlament Ewropew, iżda pprefera jistabbilixxi limitu relatat mal-għadd ta' vjaġġi skedati ta' kull sena sabiex l-operaturi jingħataw aktar ċertezza legali.

(d) **It-tħassir tal-"merkanzija li tkun qed tinġarr" u tax-"xogħol ta' trasport" mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dejta mmonitorjata, kif ukoll tal-kalkoli tal-effiċjenza enerġetika relatati magħhom (l-emendi numri 29, 30, 43, 53 sa 55, 59, 73, 91 u 93). Il-Kummissjoni rrifjutat dan is-suġġeriment.** Il-Parlament Ewropew ippropona li jitħassru t-terminu "il-merkanzija li tkun qed tinġarr" u l-kalkoli tal-effiċjenza enerġetika operattiva relatati miegħu bbażati fuq ix-"xogħol ta' trasport". Il-Kunsill żammhom bħala parametri tal-monitoraġġ kif kienet ipproponiet oriġinarjament il-Kummissjoni.

(e) **It-tisħiħ tal-effiċjenza teknika billi jintalab Indiċi ċċertifikat tal-effiċjenza enerġetika tad-disinn (IEED) għall-bastimenti eżistenti wkoll (l-emendi numri 61 u 71). Il-Kummissjoni rrifjutat dan is-suġġeriment.** Bħala kontroproposta għat-tneħħija tar-referenza għall-merkanzija u għall-fatt li ddgħajfet l-effiċjenza operattiva fil-kuntest tal-iskema ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika, il-Parlament Ewropew ippropona li tintalab iċ-ċertifikazzjoni tal-Indiċi tal-effiċjenza enerġetika tad-disinn għall-bastimenti tal-kategoriji kollha li jaqgħu taħt ir-regoli ta' din l-iskema li għalihom japplika dan l-indiċi. Il-Kunsill żamm il-kamp ta' applikazzjoni tal-Indiċi tal-effiċjenza enerġetika tad-disinn li pproponiet oriġinarjament il-Kummissjoni, jiġifieri dan se jkun japplika biss għall-bastimenti l-ġodda (jiġifieri l-bastimenti li nbnew jew li ssewwew wara l-2013).

(f) **Iż-żieda tal-"kategorija tat-tbaħħir fis-silġ" tal-bastimenti u ta' tagħrif dwar kundizzjonijiet xitwin qliel mat-tagħrif inkluż fil-pjan ta' monitoraġġ u fir-rapporti dwar l-emissjonijiet (l-emendi numri 33, 40, 44, 60 u 70). Il-Kummissjoni aċċettat dan is-suġġeriment.** Il-Parlament Ewropew jaqbel li jiżdied pakkett ta' emendi bil-għan li jiġi żgurat li l-"kategorija tat-tbaħħir fis-silġ" (li turi jekk il-bastiment kienx iddisinjat b'mod speċifiku biex ibaħħar f'kundizzjonijiet tal-baħar bis-silġ) tkun tifforma parti mit-tagħrif bażiku li għandu jiġi rrappurtat skont l-iskema ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika. Il-Kunsill żamm l-idea prinċipali tal-Parlament Ewropew iżda bidel dan ir-rappurtar f'wieħed volontarju.

(g) **L-introduzzjoni ta' referenza għad-Direttiva 2003/4/KE dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali (l-emenda numru 69). Il-Kummissjoni rrifjutat dan is-suġġeriment.** It-tħassib tal-Parlament Ewropew dwar id-dejta miġbura fil-kuntest tal-iskema ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika, li tagħti wisq ħjiel dwar tagħrif li huwa kummerċjalment protett, wassluh biex idaħħal referenza għal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar l-aċċess għat-tagħrif ambjentali (jiġifieri d-Direttiva 2003/4/KE dwar l-aċċess għat-tagħrif) li tapplika biss għall-Istati Membri. Safejn taf il-Kummissjoni, id-dejta annwali aggregata miġbura fil-kuntest tal-iskema ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika s-soltu ma tagħtix ħjiel dwar is-sigrieti kummerċjali; madankollu, hija tista' toqrob lejn il-pożizzjoni tal-Parlament sabiex jiġi stmat jekk f'każ konkret u minħabba ċirkustanzi speċifiċi, it-tali ġbir ikunx se jipperikola l-ħarsien ta' interess kummerċjali leġittimu. Il-Kunsill reġa' fformula l-idea tal-Parlament Ewropew u żviluppaha f'referenza għar-Regolament (KE) Nru 1367/2006

dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għat-tagħrif ambjentali għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE (ir-Regolament dwar il-Konvenzjoni ta' Aarhus), li jinkludi klawżola dwar l-interessi kummerċjali protetti li jridu jiġu vvalutati bi qbil mal-interess pubbliku marbut mal-iżvelar tagħhom.

(h) **L-estensjoni taċita tas-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta atti delegati (l-Artikolu 24(1)). Il-Kummissjoni aċċettat dan is-suġġeriment.** Il-Parlament Ewropew ippropona li d-delega tas-setgħat lill-Kummissjoni ssir għal ħames snin u li din tiġi estiża b'mod taċitu għall-istess perjodu ta' żmien sakemm il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma joġġezzjonawx għaliha. Il-Kummissjoni tista' taċċetta din il-klawżola li fil-fatt hija formulazzjoni standard. Il-Kunsill ukoll żamm il-formulazzjoni tas-soltu tal-estensjoni taċita.

(i) **Valutazzjoni kull sentejn tal-impatti li mhumiex marbutin mal-emissjonijiet tas-CO_2 (l-emenda numru 82). Il-Kummissjoni aċċettat dan is-suġġeriment.** Il-Parlament Ewropew ippropona obbligu ġdid għall-Kummissjoni fil-kuntest tar-Regolament dwar il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ sabiex, kull sentejn, din tivvaluta l-impatt ġenerali tas-settur tat-trasport marittimu fuq il-klima globali, inkluż permezz tal-emissjonijiet li mhumiex tas-CO_2. Il-Kummissjoni tista' taċċetta din l-emenda dejjem jekk din tiġi fformulata xi ftit mill-ġdid. Il-Kunsill żamm l-idea tal-Parlament Ewropew iżda bidilha f'obbligu (ta' kull sentejn) li għandu jitwettaq meta l-Kummissjoni tkun qed tfassal ir-rapport ġenerali dwar l-emissjonijiet irrappurtati fil-kuntest tal-iskema ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika skont l-Artikolu 21(3).

3.3. Dispożizzjonijiet ġodda introdotti mill-Kunsill u l-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwarhom:

Il-Kunsill daħħal għadd ta' bidliet fit-test li ma jdgħajfux il-proposta b'mod sinifikanti u wkoll għadd ta' dispożizzjonijiet ġodda li l-Kummissjoni tista' taċċetta. Dawn id-dispożizzjonijiet huma kif ġej:

(a) **L-inklużjoni ta' skema ssimplifikata ta' monitoraġġ "għat-trasport marittimu fuq distanzi qosra" (l-Artikolu 9(2) il-ġdid).** Il-Kunsill inkluda dispożizzjonijiet ġodda li jippermettu lill-bastimenti li jagħmlu biss vjaġġi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta u li jkollhom aktar minn 300 vjaġġ skedat kull sena, li jibbenefikaw minn eżenzjoni mill-obbligi ta' monitoraġġ "għal kull vjaġġ" (l-Artikolu 9(2) il-ġdid). Il-kliem tal-eċċezzjoni li qed jipproponi l-Kunsill huwa pjuttost simili għas-suġġeriment li għamel il-Parlament Ewropew (fl-emenda numru 58) u l-Kummissjoni tista' taċċetta skema ssimplifikata bħal dik deskritta fit-test tal-Kunsill (li tipprovdi iktar ċertezza legali fil-forma ta' limitu annwali). Il-monitoraġġ tal-konsum tal-fjuwil u tal-emissjonijiet tas-CO_2 "għal kull vjaġġ" tal-bastimenti li jagħmlu ħafna attivitajiet li jkunu potenzjalment jixxiebhu (bħal-laneċ) li jaqgħu biss fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-iskema ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika mhuwiex assolutament meħtieġ minħabba li l-verifikatur jista' juża d-dokumenti u d-dejta l-oħra li jkun hemm abbord (bħan-noti ta' kunsinna tal-banker) biex jivvaluta l-mod kif ġiet ikkalkulta d-dejta annwali tal-emissjonijiet tas-CO_2 u tal-konsum tal-fjuwil. Għalhekk, dan mhuwiex pass intermedjarju strettament meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-obbligi tar-rappurtar annwali ewlenin tal-bastiment skont l-Artikolu 10 tar-Regolament dwar l-iskema ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika, li jibqgħu japplikaw bl-istess mod. L-eżenzjoni mill-monitoraġġ "għal kull vjaġġ" tiddependi wkoll fuq il-fatt li m'hemmx bżonn li jkun hemm distinzjoni u separazzjoni ċara tad-dejta "għal kull vjaġġ" (sabiex jiġi evitat li tiġi koperta d-dejta minn vjaġġi li jsiru li ma jaqgħux fil-kamp ta'

applikazzjoni tal-iskema, pereżempju bejn żewġ portijiet ta' waqfa li ma jkunux jinsabu fl-UE). Il-bastimenti li ma jkunux jissodisfaw iż-żewġ kriterji oġġettivi msemmija hawn fuq, li japplikaw irrispettivament mill-bandiera li jtajru l-bastimenti, mhux se jkunu jistgħu jibbenefikaw mit-tali eċċezzjoni.

(b) **Ir-rappurtar volontarju min-naħa tal-kumpaniji abbażi ta' kriterji ddefiniti fil-pjan ta' monitoraġġ (l-Artikolu 10(3) l-ġdid).** Il-Kunsill introduċa dispożizzjonijiet ġodda li jippermettu lill-bastimenti jimmonitorjaw u aktar tard jippubblikaw id-dejta dwar il-konsum tal-fjuwil u l-emissjonijiet tas-CO_2 tagħhom skont kriterji differenti (jiġifieri skont vjaġġi tal-bastiment mgħobbi jew bis-saborra). Il-Kummissjoni tista' taċċetta t-test tal-Kunsill.

(c) **L-iskema ta' spezzjonijiet tal-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika (l-Artikolu 19(3)).** Il-Kunsill ippropona li jnaqqas l-obbligi tal-awtoritajiet tal-Istati Membri b'rabta mal-bastimenti li ma jkunux bagħtu d-dokument ta' konformità u li ma jkunux koperti minn mekkaniżmi oħra ta' infurzar u li jidħlu f'port li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru. Il-Kummissjoni tista' taċċetta t-test tal-Kunsill minħabba li dan se jallinja l-mekkaniżmi ta' infurzar għal-livelli applikati b'mod tradizzjonali f'dan is-settur.

(d) **Ordni ta' tkeċċija (l-Artikolu 20(3)).** Il-Kunsill naqqas il-kundizzjonijiet li bihom l-Istati Membri jistgħu joħorġu ordni ta' tkeċċija f'każ ta' bastimenti li jkunu qed jiksru l-obbligi tal-iskema ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika għal "żewġ perjodi tar-rappurtar konsekuttivi jew aktar" (minflok għal "aktar minn perjodu wieħed tar-rappurtar") u għal każijiet "fejn il-miżuri l-oħra ta' infurzar ma żgurawx il-konformità". Huwa żied ukoll referenza għal-liġi marittima internazzjonali li tapplika f'każ ta' bastimenti li jkunu jinsabu fil-periklu. Il-Kummissjoni tista' taċċetta t-test tal-Kunsill.

(e) **Regoli nazzjonali dwar is-sanzjonijiet u l-pieni u tagħrif dwar ir-rimedji nazzjonali (l-Artikolu 20(3a) u (4)).** Ġiet inkluża deroga, fl-Artikolu 20(3a) l-ġdid, li tippermetti lill-Istati Membri li m'għandhomx kosta u li m'għandhomx bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li jiġu esklużi mill-obbligu li jistipulaw regoli nazzjonali dwar il-pieni u s-sanzjonijiet. Iddaħħlet ukoll referenza ġdida, fl-Artikolu 20(4) l-ġdid, dwar il-ħtieġa li l-kumpaniji jiġu infurmati dwar ir-rimedji effettivi li jeżistu fil-livell nazzjonali fil-każ ta' ordni ta' tkeċċija. Il-Kummissjoni tista' taċċetta t-test tal-Kunsill dwar dawn il-punti.

(f) **Il-pubblikazzjoni ta' dejta annwali aggregata u l-ħarsien tal-interessi kummerċjali** skont ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 (ir-Regolament dwar il-Konvenzjoni ta' Aarhus) li japplika għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE (l-Artikolu 21(2a) il-ġdid). Il-Kunsill ippropona li jibdel it-test tal-klawżola tal-Parlament Ewropew dwar il-ħarsien tal-interessi kummerċjali billi jdaħħal referenza għar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 dwar l-aċċess għat-tagħrif ambjentali li jkollhom f'idejhom l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE (ir-"Regolament dwar il-Konvenzjoni ta' Aarhus"). Il-Kummissjoni tista' taċċetta t-test tal-Kunsill.

(g) **L-atti ddelegati dwar il-verifika u l-akkreditazzjoni u Anness ġdid - l-Anness III** - dwar l-elementi li l-Kummissjoni għandha tqis meta tkun qed tadotta dawn l-atti ddelegati (l-Artikoli 15(5) u 16(3) u l-Anness III l-ġdid). Il-Kunsill żied ftit iktar dettalji dwar il-kontenut tal-atti ddelegati dwar il-verifika u l-akkreditazzjoni oriġinarjament previsti taħt l-Artikoli 15 u 16 tal-proposta tal-Kummissjoni billi żied lista ta' elementi mhux essenzjali li għandhom jitqiesu meta jkunu qed jiġu żviluppati dawn l-atti ddelegati skont Anness ġdid tar-Regolament, li huwa l-

Anness III. Dan jgħin biex jiġi llimitat il-kamp ta' applikazzjoni tal-atti ddelegati u għalhekk jista' jiġi aċċettat mill-Kummissjoni.

(h) **It-tħassir tal-obbligi tar-rappurtar tal-Istati Membri b'rabta mal-emissjonijiet marittimi skont ir-Regolament dwar il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ (l-Artikolu 26).** Il-Kunsill ħassar l-obbligi addizzjonali kollha tar-rappurtar tal-Istati Membri li għandhom jiġu ssodisfati skont ir-Regolament dwar il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ abbażi tad-dejta miġbura fil-kuntest tal-iskema ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika. Ir-rapporti annwali tad-dejta tal-Istati Membri mhumiex strettament meħtieġa, minħabba li l-Kummissjoni se tirċievi d-dejta mingħand il-kumpaniji mill-ewwel u se tfassal ukoll ir-rapporti annwali. Għalhekk, il-Kummissjoni tista' taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill.

(i) **L-iżvilupp ta' parametri għall-monitoraġġ tal-merkanzija "għal kull tip ta' bastiment" fosthom permezz ta' atti ta' implimentazzjoni addizzjonali (il-parti B tal-Anness II).** Fit-test tal-Kunsill, il-"merkanzija" u x-"xogħol ta' trasport" jiffurmaw parti mill-parametri li għandhom jiġu mmonitorjati u li għandu jsir rapport dwarhom, l-istess bħalma hemm fil-proposta tal-Kummissjoni. Madankollu, il-Kunsill daħħal għadd ta' proposti dwar il-parametri għall-monitoraġġ tal-merkanzija u tax-xogħol ta' trasport adattati għat-tipi ta' bastimenti speċifiċi, li għandhom jiffurmaw parti mill-iskema ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika. Għalhekk, il-parti B tal-Anness II fiha għadd ta' dispożizzjonijiet addizzjonali li jirriflettu l-aħħar żviluppi eżistenti dwar il-parametri għall-monitoraġġ tal-merkanzija għall-bastimenti ro-ro u għall-bastimenti tal-kontejners (minbarra dawk għall-vapuri tal-passiġġieri li kienu inklużi fil-proposta tal-Kummissjoni).

Għall-bastimenti l-oħrajn, il-Kunsill qed jissuġġerixxi li jitqiesu l-piż u l-volum bħala l-parametri ta' monitoraġġ, kif xieraq, u qed jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tispeċifika iktar, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, kif għandu jiġi implimentat l-obbligu li tiġi mmonitorjata l-merkanzija u, jekk ikun hemm bżonn, li tirrevedi dan. Il-Kummissjoni tista' taċċetta dan l-approċċ. L-inklużjoni ta' parametri speċifiċi għall-bastimenti biex tiġi mmonitorjata l-merkanzija hija rilevanti wkoll biex jitħeġġu l-iżviluppi internazzjonali, u b'mod partikulari l-progress fl-OMI.

(j) **L-emendar tad-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port ("id-Direttiva dwar il-kontroll mill-Istat tal-Port") (l-Artikolu 26a).** Il-Kunsill ippropona li jemenda l-Anness IV tad-Direttiva dwar il-kontroll mill-Istat tal-Port sabiex iżid id-dokument ta' konformità maħruġ skont ir-Regolament dwar l-iskema ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika mal-lista ta' dokumenti li l-uffiċjali ta' kontroll tal-Istat tal-Port iridu jiċċekkjaw meta jwettqu l-ispezzjonijiet ta' kontroll mill-Istat tal-Port. Dan se jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi ta' infurzar previsti fir-Regolament, u l-Kummissjoni se taċċetta din il-proposta.

(k) **Il-klawżola ta' "l-ebda opinjoni" (l-Artikolu 25(2)).** Il-Kunsill uża l-possibbiltà prevista fir-Regolament (UE) Nru 182/2011 biex daħħal klawżola ta' "l-ebda opinjoni" b'rabta mal-atti ta' implimentazzjoni fil-kuntest tar-Regolament dwar l-iskema ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika. Il-Kummissjoni se żżomm il-pożizzjoni standard tagħha li hija li klawżola bħal din għandha tiddaħħal biss flimkien ma' spjegazzjonijiet dwar ir-raġunijiet speċifiċi għaliha f'dak il-każ partikulari, pereżempju fil-forma ta' premessa.

4. Konklużjoni

Il-Kummissjoni tqis li t-test miftiehem mill-Kunsill baqa' qrib il-proposta inizjali tal-Kummissjoni filwaqt li daħħal diversi emendi li hija tista' tappoġġa sabiex ikun iktar faċli li jintlaħaq ftehim mal-Parlament Ewropew fil-livell tal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill.

STQARRIJA

<u>Stqarrija tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 20xx/xx</u>

Il-Kummissjoni tisħaq li huwa kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13) li l-Artikolu 5(4)(2)(b) jiġi invokat b'mod sistematiku. Wieħed għandu jirrikorri għal din id-dispożizzjoni f'każ li jkollu bżonn jiddevja, għal raġuni speċifika, mir-regola ta' prinċipju, li hija li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni dwar xi ħaġa. Minħabba li dan ir-rikors għall-punt (b) tat-tieni subparagrafu ta' dan l-Artikolu huwa eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita mill-Artikolu 5(4), dan ir-rikors ma jistax jitqies sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-Leġiżlatur, iżda jrid jiġi interpretat b'mod ristrett u għaldaqstant għandu jiġi ġġustifikat.